

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 72(6) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Lulju 2023 – Amazon Services Europe vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-367/23)**

(2023/C 296/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrent:** Amazon Services Europe (il-Lussemburgo, il-Lussemburgo) (rappreżentanti: A. Conrad, M. Frank, R. Spanó u I. Ioannidis, avukati)

**Konvenut:** Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-25 ta' April 2023 li tindika li Amazon Store hija pjattaforma online kbira ħafna, skont l-Artikolu 33(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065 (') tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (C(2023) 2746 final);
- sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-25 ta' April 2023 li tindika li Amazon Store hija pjattaforma online kbira ħafna, skont l-Artikolu 33(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (C(2023) 2746 final), sa fejn din timponi fuq Amazon l-obbligu li tipprovi għażla lill-utenti għal kull sistema ta' rakkmandazzjoni li ma hijiex ibbażata fuq it-tfassil ta' profili skont l-Artikolu 38, u tiddikjara l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (C(2023) 2746 final);
- barra minn hekk, jew sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-25 ta' April 2023 li tindika li Amazon Store hija pjattaforma online kbira ħafna, skont l-Artikolu 33(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (C(2023) 2746 final), sa fejn din timponi fuq Amazon l-obbligu li tiġib u tagħmel pubblikament disponibbli repożitorju tar-reklamar skont l-Artikolu 39, u tiddikjara l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (C(2023) 2746 final); u
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-indikazzjoni bħala pjattaforma online kbira ħafna, skont l-Artikolu 33(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (C(2023) 2746 final), hija bbażata fuq kriterju diskriminatorju u tikser b'mod sproporzjonat il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (C(2023) 2746 final) jikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (C(2023) 2746 final) jikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

(<sup>1</sup>) Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU 2022, L 277, p. 1).

### Rikors ippreżentat fil-5 ta' Lulju 2023 – Al-Assad vs Il-Kunsill

(Kawża T-370/23)

(2023/C 296/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrent: Samer Kamal Al-Assad (Qardaha, is-Syria) (rappreżentant: W. Woll, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2023/844 (<sup>1</sup>) filwaqt li żżid isem ir-rikorrent fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 36/2012;
- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (PESK) 2023/847 (<sup>2</sup>) filwaqt li żżid isem ir-rikorrent fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK;
- tikkundanna lill-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni. Ir-rikorrent isostni, minn naħa, li l-appartenenza tiegħu fil-familja Assad ma hijiex ikkaratterizzata biżżejjed u, min-naħa l-oħra, li ma jieħu sehem fl-ebda traffikar tad-droga. Barra minn hekk, huwa jqajjem ogħejż jipprova ta' illegalità tal-Artikolu 27(2)(b) u tal-Artikolu 28(2)(b) tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għal qorti imparzjali. Ir-rikorrent jinvoka f'dan ir-rigward l-obbligu li jirrikorri għal qorti sabiex jissanzjona r-reati serji u l-impossibbiltà li l-Kunsill jikkastihgħah għat-traffikar tad-droga.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ħsara għar-reputazzjoni tar-rikorrent.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għall-proprijetà.

(<sup>1</sup>) Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/844 tal-24 ta' April 2023 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU 2023, L 109 I, p. 1).

(<sup>2</sup>) Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/847 tal-24 ta' April 2023 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU 2023, L 109 I, p. 26).